**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Azzopardi**
**v**

**FRANCESCO PARISI**

**Illum, 17 ta' Lulju, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **FRANCESCO PARISI** ta' tmienja w ghoxrin sena bin Gaetano u Graziella nee Randone imwieled l-Germanja nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Awissu, 1971 u residenti c-Centru ta' Rihabilitazzjoni San Blas, detentur tal-karta tal-identita numru 20381A gie mressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Fil-Mosta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer nhar t-tletin ta' Mejju, 2000 f'xi hin bejn s-sitta ta' filghodu u l-erbgha

ta' wara nofsinhar kkommetta serq ta' *credit card* tal-HSBC mill-fond 'Lisadell', Flat 6, Triq il-Kullegg, Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-persuna ghad-dannu ta' Salvina Zammit mill-Mosta.

2. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kkommetta serq ta' hamsa w sebghin lira maltin billi permezz tal-*credit card* imsemmija aktar 'l fuq ghamel uzu u gibed s-somma msemmija minn zewg *automatic teller machines* liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-persuna ghad-dannu tal-istess Salvina Zammit mill-Mosta.

3. Talli fil-Mosta nhar t-tlieta ta' Gunju, 2000 f'xi hin bejn s-sitta ta' filghodu u l-hdax ta' filghodu kkommetta serq ta' tletin lira maltin, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-persuna u bil-lok ghad-dannu tal-istess Salvina Zammit mill-Mosta.

4. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond l-ligi jew xi awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew ssekkwestra lil Salvina Zammit mill-

Mosta kontra l-volunta taghha, liema delitt sar waqt li l-persuna arrestata, mizmuma jew ssekkwestrata kienet giet offiza fuq il-persuna taghha jew mhedda bil-mewt kif wkoll bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra jew biex l-imsemmija Salvina Zammit tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha.

5. Talli f'dawn l-ahhar xhur fil-Mosta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer attakka, sawwat u kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Salvina Zammit mill-Mosta skond ma ccertifika Doctor Neville Vassallo MD mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli tal-Avukat Generali datati tnejn w ghoxrin ta' Gunju, 2001 a fol 23 tal-atti.

Semghet lil imputat jghid li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u dawk tad-Difiza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu kif hemm registrat fis-seduta ta' nhar d-disgha ta' Lulju, 2001 u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati taghhom.

Dwar il-piena il-Qorti rat s-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. fil-mument meta l-imputat kkommetta r-reati addebitati lilu huwa kellu problema akuta ta' tossikodipendenza;
2. li l-fedina penali tieghu fil-mument tar-reat in desamina kienet wahda nadifa u minghajr ebda kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghalhekk ghandu jitqies bhala *a first time offender*.
3. Li huwa ghamel tajjeb ghal hsarat sofferti minn Salvina Zammit fl-ammont ta' mitt lira maltin kif pretiza minnha u ghalhekk illum il-gurnata m'ghandha l-ebda pretenzjoni kontra tieghu salv ghal xi ammont zghir ta' flus li hija kienet silfitu pero din hija kwistjoni civili.
4. Li minn meta gie mressaq il-Qorti nhar s-sitta ta' Gunju, 2000 sa llum l-imputat segwa programm ta' rihabilitazzjoni b'success mal-Caritas.

5. Illi l-Probation Officer Miriam Falzon Sevasta fix-xhieda taghha stqarret li l-imputat ghamel progress f'hajtu tant li t-testijiet li saru fuq l-urina tieghu ghal presenza ta' droga, kollha taw rizultat negattiv w inoltre llum il-gurnata anke kuntatt regolari qed jzomm maghha.

6. Illi Father Marius Mifsud xehed nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju, 2000 u qal li huwa lest li joffri post ta' akkomodazzjoni lil imputat u cioe 20, Triq Alessandru, Bormla una volta jispicca l-kors ta' rihabilitazzjoni tieghu.

Illi dawn l-falturi huma kollha fatturi li jghinu lil Qorti sabiex ma timponix piena ta' karcarazzjoni b'effett immedjat.

Il-Qorti pero trid zzom bilanc wkoll u tiehu hsieb l-interess tas-socjeta ghaliex wara kollox l-imputat stess jifforma parti minn din l-istess socjeta.

**Ghaldaqstant l-Qorti qed tikkundanna lil imputat FRANCESCO PARISI ghal piena karcerarja ta' sena sospiza ghal tlett snin ai termini tal-artiolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan qed tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' tlett snin taht s-supervizjoni tas-Senior Probation Officer Miriam Falzon Sevasta taht l-kundizzjonijiet segwenti:**

**a.** **f'dan il-perjodu ta' tlett snin l-imputat *probationer* Francesco Parisi irid jzomm kuntattt regoalri mal-Probation Officer u joqghod ghal kundizzjonijiet tal-istess ordni;**

**b.** **Ghandu jzomm kuntatt regolari mal-agenzija Caritas hekk kif itemm il-programm residenzjali tieghu.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza ghandha tigi notifikata lis-Senior Probation Officer Miriam Falzon Sevasta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**